**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju 2023**

**Rikors nru : 38/2023**
**AGV**

**AMA**
**vs**
**VA**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' AMA datat 26 ta' Jannar 2023;**

**Jesponi bir-rispett u bil-ġurament jikkonferma:**

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar il- 5 ta' Ġunju tas-sena 1988 fil-Knisja Parrokkjali tal-Ibraġġ (Att taż-Żwieġ Nru 913/1988), u minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġ ulied: TA u GA , it-tnejn maġġorenni;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Dottor Sandra Grech Cordina datat 13 ta' Novembru 2015 u debitament insinwat nhar it-23 ta' Novembru 2015 (Insinwa Nru 23684/2015), liema kuntratt jinsab hawn anness u mmarkat bħala Dok 'A';

3. Illi ma hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, stante li ilhom jgħixu separatament għal snin twal.

4. Illi inoltre, illum-il ġurnata il-partijiet għandhom ħajja separata minn xulxin u ma għandhom ebda pendenzi ma' xulxin;

5. Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, referibbilment fi klawżola 7, il-partijiet kienu qablu li r-rikorrent għandu jgħaddi lill-intimata s-somma ta' €600 fix-xahar bħala manteniment għaliha u dan għal perjodu definit ta' 3 snin sa Novembru 2018; kif ukoll is-somma ta' €600 fix-xahar bħala manteniment għal binhom G sakemm jagħlaq it-23 sena. Illi llum il-ġurnata, G għandu 29 sena u għalhekk il-manteniment lejh m' għadux dovut; b'hekk l-obbligazzjonijiet finanzjarji da parti tar-rikorrent ġew sodisfatti u f'dan ir-rigward m'hemmx pendenzi bejn il-partijiet;

6. Illi r-rikorrent jixtieq jiddivorzja minn mal-intimata, u konsegwentament iż-żwieġ ta' bejniethom jiġi maħlul;

7. Illi dawn il-fatti sopra ċitati jissodisfaw pjenament il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-ottjeniment tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant, ir-rikorrent qed jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn AM A u VA u tiddikjara ż-żwieġ tagħhom maħlul ai termini tal-Artikolu 66A *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li tordna lir-Reġistru tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-Partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku; u dan taħt kull provvediment ieħor li jidrilha xieraq u opportun.

Il-Qorti rat li l-konvenuta mhux qed toggezzjoni ghat-talba tad-divorzju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar il- 5 ta' Gunju 1988.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**